MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 680/2003

**Androxa Furniture Ltd ezercitanti kummerc bhala Androxa Interiors**

**Vs**

**Alfred Brown**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm600 (sitt mitt lira maltin) rapprezentanti bilanc ta' servizz dovut lill-konvenut.**

**Bl-ispejjes u bl-interessi inkluz dik tal-ittra ufficjali datata l-15 ta' Marzu, 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b' hekk il-**

**kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fl-10 ta' Novembru, 2003 naqas u ma deherx meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas l-ammont ta' Lm600 (sitt mitt lira maltin) dovuti ghal servizz fornut lill-konvenut, bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------